**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Fl-atti tat-Talba CCT 193/20/F

**Joyce Tanti**

**vs**

**Adrian Borg (Borvin Holdings Limited)**

Illum, 4 ta' Jannar 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrenti nhar il-11 ta' Diċembru 2020;

Ra r-Risposta ppreżentata mill-azjenda intimata fl-24 ta' Diċembru 2020;

Ra li minkejja li ġiet intavolata Risposta, l-ebda rappreżentant tal-azjenda intimata ma deher għall-udjenzi tat-8 ta' Novembru 2021 u tat-3 ta' Ottubru 2022;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrenti bil-ġurament;

Ra d-dokumenti ppreżentati.

**Ikkonsidra:**

Illi fl-Avviż tat-Talba, ir-Rikorrenti qed tindika s-somma ta' €266.68 bħala valur, liema somma hija rappreżentanti l-prezz ta' tieqa tal-aluminju li hija ordnat mingħand l-azjenda intimata.

Illi permezz tar-Risposta tagħha, l-azjenda intimata eċċepiet illi minn spezzjoni li saret fil-fond tar-Rikorrenti, irriżulta li t-tieqa in kwistjoni hija bħall-oħrajn u għalhekk, fil-fehma tal-istess azjenda, din inħadmet skont l-arti u s-sena'.

Illi fix-xhieda tagħha bil-ġurament, ir-Rikorrenti spjegat li ftit wara li hija daħlet tgħix fil-fond fejn twaħħlu l-aperturi li hija ordnat mingħand l-azjenda intimata, indunat li tieqa minnhom ma kienitx qed tagħlaq sewwa mill-ġenb u għalhekk, kien qed jidħol il-bard minn barra. Biex tipprova dan, ir-Rikorrenti ippreżentat fl-atti

filmat li juri l-*blinds* biswit it-tieqa jiċċaqalqu bir-riħ li kien qed jgħaddi. It-Tribunal ħa konjizzjoni ta' dan il-filmat.

Illi fl-Avviż tat-Talba ppreżentat minnha, ir-Rikorrenti indikat illi **"jien qed nitlob jew tissewwa jew tinbidel"** b'referenza għat-tieqa in kwistjoni u għalhekk, strattament, mhix qed tagħmel talba sabiex ikun hemm kundanna ta' ħlas favur tagħha.

Illi l-Artikolu 74(1) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta jtenni li *"fil-każ ta' nuqqas ta' konformità, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt [...]"*;

Illi jirriżulta għalhekk li dak li qed titlob ir-Rikorrent jinkwadra fil-parametri tad-drittijiet legali tagħha bħala Konsumatur.

Illi t-Tribunal iqis li li r-Rikorrenti rnexxielha tipprova l-każ tagħha skont il-liġi;

Illi intant, bin-nuqqas tag]ha li tidher fis-seduti u tressaq provi, is-soċjetà intimata effettivament naqset milli tikkontesta l-verżjoni tal-fatti mogħtija mir-Rikorrenti u dan minkejja li kellha kull opportunità li tagħmel dan li kieku riedet.

**Deċċiżjoni**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi filwaqt li jiddikjara li t-tieqa in kwistjoni hija afflitta minn difetti ossija nuqqas ta' konformità, jordna lill-azjenda intimata sabiex fi żmien xahrejn minn notifika lilha ta' din is-sentenza, tibdel kompletament a spejjeż tagħha it-tieqa in kwistjoni.**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tas-soċjetà intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***